LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

l-Ħamis 25 ta' Jannar, 2018

**RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2017**

Din hija t-tieni sena tas-seba' leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, li bdiet f-Mejju 2015 taħt it-tmexxija ta' l-eks Sindku Edwin Vassallo, liema l-istess leġislatura tkompliet taħt it-tmexxija ta' l-eks Sindku Ivan Bartolo li ħa l-ħatra f'Diċembru 2016 u għamel Sindku sa Ġunju 2017, imbagħad kompla jmexxi bħala Sindku Keith Cassar li ħa l-ħatra f'Lulju 2017.
Din il-bidla fis-Sindki seħħet minħabba elezzjonijiet każwali.

Is-seba' leġislatura hija magħmula min:

**Keith Cassar – Sindku**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Proġetti Kapitali
- Finanzi
- Ambjent / Indafa
- Jum il-Mosta
- Għaqdiet
- Festi
- Aġġudikazzjoni ta' Tenders

**James Cassar – Viċi Sindku**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Attivitajiet
- PPP
- Aġġudikazzjoni ta' Tenders

**Dott. Rachel Tua – Minority Leader**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali
- Affarijiet Legali

**Dott. Gianluca Busuttil - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Ġemellaġġi
- Fondi Ewropej
- Proġetti Ewropej
- Żagħżagħ

**Mario Sammut - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Persuni bi Bżonnijiet Speċjali
- Anzjani

**Dott. Angele Rapa - Kunsilliera**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali
- Edukazzjoni

**Karl J. Tanti - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Turiżmu
- Trasport
- Toroq
- Kuntratti

**Maria Pia Bonnici - Kunsilliera**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Patrimonju Mosti
- Żoni

**Mark Micallef Costa - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Konsultazzjoni
- Aġġudikazzjoni ta' Tenders

**Joe Gatt - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Patrimonju Mosti

**Frans Deguara - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali
- Kultura
- Pubblikazzjonijiet

**Christian Borg - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Sport

**Jesmond Gauci - Kunsillier**

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Mosta Solidali

## ➢ Xogħol Amministrattiv

Dawn kienu l-ewwel ħmistax il-xahar tiegħi fir-rwol ta' Segretarju Eżekuttiv li bdew min Ottubru 2016. Kienu xhur ta' tagħlim kontinwu u esperjenzi ġodda. Bħala l-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill l-ewwel mira tiegħi kienet li nindirizza l-amministrazzjoni tal-Kunsill biex flimkien ma l-istaff tiegħi naraw kif nistaw naħdmu b'mod aħjar u effiċjenti ħalli nipprovdu l-aħjar servizz possibbli lil-pubbliku. Sfortunatament sibt il-Kunsill b'defiċit ta' kważi nofs miljun Ewro, u l-ewwel għan kien li jitnaqqas dan id-dejn, u għalhekk il-Kunsill ma setgħax jagħmel proġetti kapitali ħlief dawk il-proġetti li stajna napplikaw għalihom min skemi u fondi oħra.

## ➢ Ilmenti

Problema li kienet prijorità li nindirizza kienet fejn jidħlu ilmenti bit-*telephones,* fejn il-pubbliku kien qed isib diffikultà biex jaqbad mal-Kunsill għax dejjem issibu l-linji okkupati. Għalhekk għamilna s-sistema tal-PABX biex meta l-linji jkunu kollha okkupati, jiġu *call waiting*.

Qed jsir xogħol biex tiġi diżinjata *website* ġdida, fejn huwa mezz ieħor ta' kommunikazzjoni, apparti l-paġna ta' *facebook,* biex il-Kunsill jwassal iktar informazzjoni, biex jinżamm kuntatt mar-residenti.

Il-Kunsill jirċievi bosta lmenti u talbiet, li ivarjaw min rapporti ta' ħofor fit-toroq, ilma tax-xita, sinjali tat-traffiku, u ħafna oħrajn. Ċerti problemi mhux dejjem tiddependi mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, għax f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex tittieħed azzjoni. Dan minħabba li jkun jirrikjedi deċiżjoni mill-Kunsill u / jew intervent minn entitajiet oħra.

## ➢ Prattiċi tax-Xogħol

Sar progress fejn jidħlu prattiċi tax-xogħol u proċeduri, fejn dawn ġew indirizzati billi inkitbu b'forma ta' proċessi biex kul impjegat jkollu aċċess, u jkun hemm uniformità ta' proċessi u proċeduri.

Bħala progress dejjem naħdmu biex mhux biss nimmeljoraw is-servizz li noffru, imma wkoll biex l-istaff kollu tal-Kunsill jkun jista' jaħdem bl-aħjar mod possibbli.

## ➢ Finanzi

Kif semmejt fil-bidu ma kienitx sena faċli biex il-Kunsill jaħdem b'finanzi baxxi minħabba d-defiċit li jinsab fih il-Kunsill, u għalhekk kienet sfida biex jsiru x-xogħolijiet ta' servizzi fil-lokalità bl-ammont ta' flus li nirċievu mill-Gvern Ċentrali. Għas-sena 2017 il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta' 1,185,523.70 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

| | |
|---|---|
| - Parks, Ġonna u Soft Areas, u Public Convenince | €70,821.49 |
| - Manutenzjoni ta' toroq Urbani | €209,737.88 |
| - Manutenzjoni ta' toroq Rurali | €46,066.52 |
| - Knis ta' toroq | €133,030.47 |
| - Tindif ta' żoni Rurali | €20,028.92 |
| - Immaniġġjar tal-iskart | €387,405.24 |
| - Nefqa għall-amministrazzjoni | €233,280.58 |
| - Waste Tipping Fees | €85,152.60 |

Ma dawn kien hemm skemi u fondi:

| | |
|---|---|
| - Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali | €800.00 |
| - Tarmac Fund - Triq il-Bonnijiet & Triq il-Bajtar | €21,164.00 |
| - Lift ġdid fiċ-Ċentru Ċiviku | €45,000.00 |
| - Ftehim bejn l-Awtorità tat-Trasport u Assoċjazzjoni Kunsill Lokali għal tiswijiet ta' Toroq u Sinjali tat-Traffiku | €9,088.05 |

➢ **Laqgħat tal-Kunsill**

Saru 18 il-laqgħa mil-bidu ta' din is-sena tas-seba' leġislatura tal-Kunsill u l-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| | **Preżenti** | **Skużat** | **Assenti** |
|---|---|---|---|
| **Sindku Keith Cassar** | 17 | 1 | 0 |
| **Viċi Sindku James Cassar** | 13 | 5 | 0 |
| **Kunsillier Alex Muscat** *(Kunsillier sa Ġunju 2017)* | 7 | 0 | 2 |
| **Kunsilliera Dott. Rachel Tua** | 7 | 11 | 0 |
| **Kunsillier Gianluca Busuttil** | 17 | 0 | 1 |
| **Kunsillier Mario Sammut** | 12 | 5 | 1 |
| **Kunsilliera Dr Angele Rapa** | 17 | 1 | 1 |
| **Kunsillier Karl Tanti** | 15 | 2 | 1 |
| **Kunsilliera Maria Pia Bonnici** | 13 | 4 | 1 |
| **Kunsillier Mark Micallef Costa** | 14 | 1 | 3 |
| **Kunsillier Joe Gatt** | 12 | 3 | 3 |
| **Kunsillier Frans Deguara** | 17 | 0 | 0 |
| **Kunsillier Christian Borg** *(Kunsillier min 10.07.17)* | 8 | 1 | 0 |
| **Kunsillier Jesmond Gauci** *(Kunsillier min 10.07.17)* | 8 | 0 | 1 |

➢ **Affarijiet Oħra.**

Għal proġetti, attivitajiet, u servizzi li saru matul is-sena 2017, il-Kunsilliera ġew mitluba jippreżentaw rapport. Dawn ir-rapporti ser jiġu trattati fid-diskors u interventi mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom. Għal min mil-Kunsilliera ħejja r-rapport, qed jiġi anness mal-minuti bħala Appendiċi.

> **Konklużjoni**

Nixtieq nirringrazzja lil-eks Sindki Edwin Vassallo u Ivan Bartolo, u lis-Sindku preżenti Keith Cassar tas-sapport tagħhom, kif wkoll lis-staff tal-Kunsill tal-kooperazzjoni tagħhom ta' l-ewwel sena u tlett xhur tal-bidu mil-kariga tiegħi.

Grazzi.

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

APPENDIĊI A

# RAPPORT

## ĦIDMA TAS-SEBGĦA KUNSILL LOKALI TAL-MOSTA

## LAQGĦA TAL-LOKALITA GĦAS-SENA 2017

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta, bhal kull Kunsill Lokali iehor huwa obbligat bil-ligi sabiex jaghmel laqgha tal-lokalita darba fis-sena fejn jkun mistieden il-pubbliku. Matul din l-laqgha tal-lum ser nkunu qeghdin nipprezentaw rendikont tax-xoghol tal-Kunsill Lokali li sar tul is-sena 2017.

**LAQGHAT TAL-KUNSILL LOKALI**

Matul ix-xhur fl-2017 issejjhu 18 -il laqgha tal-Kunsill Lokali li minnhom saru 17, 8 immexxija mis-Sindku Ivan Bartolo, u 9 minni bhala Sindku mill-10 ta' Lulju -il quddiem. Fl-2017 wara li Ivan Bartolo u Alex Muscat gew eletti bhala Membri Parlamentari, Christian Borg u Jesmond Gauci gew eletti bhala Kunsilliera f'dan il-Kunsill lokali tal-Mosta. B'hekk ukoll, jien bdejt immexxi dan il-Kunsill Lokali tal-Mosta bhala l-izghar Sindku tal-Mosta ufficcjalment fil-laqgha tal-10 ta' Lulju 2017. Fl-istess laqgha James Cassar ha il-gurament bhala Vici Sindku.

**LAQGHAT TA' KONSULTAZZJONI**

Fl-2017, saru ukoll zewg laqghat ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq il-Gnejna, fejn gie spjegat progett propost ghal din it-triq, dak li jsir wicc gdid ta' triq b'materjal mgharuf bhala concrete imprint u installazzjoni ta' dawl dekorattiv gdid fuq stil tradizzjonali tul it-triq sabiex jissahhah l-ambjent storiku tal-akwata. Ix-xoghol jkompli matul ix-xhur tal-2018.

**LAQGHAT OHRA**

Laqghat ohra li saru fl-2017 kienu dawk regolari mas-Supretindent u l-iSpettur mill-Ghassa tal-Mosta. Zammejna kuntatt kontinwu sabiex nizguraw li jkun hemm koperazzjoni shiha minghjar ebda xkiel. Iltqajna ukoll regolarment ma ufficcjali ta' Transport Malta kif ukoll ma' ufficjali tal-LESA sabiex naraw li nsolvu problemi li setghu kien ilhom jezistu ghall-bosta snin u ohrajn li jinqalghu minn zmien ghall-zmien.

Saru ukoll laqghat ma' ufficcjali minn Parks Malta dwar Gnien l-Gharusa tal-Mosta marbuta max-xoghol li ghaddej bhalissa.

Iltqajna bosta drabi ma' grupp ta' residenti minn Santa Margerita, sabiex nkunu t'appogg fil-glieda komuni sabiex l-pjazza ta' Santa Margerita tibqa spazju pubbliku. Fuq din il-materja, il-Kunsill Lokali ghamel pressjoni fuq l-Awtorita tal-Ippjanar sabiex tniedi process ta' konsultazzjoni u hekk sar. Issa nistennew l-konkluzjonijiet.

**TENDERS**

Bdejna is-sena bi 13 il-kuntratt skadut, izda irkuprajna mhux hazin. Matul l-2017 gew ippublikati 6 tenders u gew mghotija 3 (Gbir tal-iSkart minn wara l-bieb, Tindif tal-Ufficini u l-bini tal-Kunsill, Tindif tal-Latrini). It-tlieta l-ohra qeghdin fi stadju ta' evalwazzjoni (Servizz tal-Avukat, Servizz ta' Perit, Servizz tal-Kenniesa). Fl-istess sena, beda jsir xoghol ta' preparamenti fuq 2 tenders ohra dawk tas-Servizz tal-Bulky Refuse u tal-Bini tal-Bankini u xoghol iehor relatat. Jifdal imbghad 5. Nittamaw li dawn jkunu lesti sal-ahhar tal-2018.

Tender partikulari, li ma ngorrux l-ispiza kollha tieghu jkun dak tat-tizjin tal-Milied. It-tender tat-tizjin tal-Milied, gie jiswa lil Kunsill €9,900 fl-2017. Minn dawn ingabret is-somma rekord ta' €7,355 minn fost l-komunita kummercjali. Dan jawgura tajjeb ghas-snin li gejjin.

**TOROQ**

Minkejja li marbutin sabiex ma nidhlux ghall-spejjez kapitali godda mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, xorta wahda nhossni fid-dmir li ninfurmakom b'dak li thallas fl-2017 marbut mat-toroq li saru permezz tal-iskemi PPP1 u PPP2. Matul l-2017, thallset is-somma ta' kwazi €30,000 ghall-iskema PPP1 u kwazi €96,000 ghall-iskema PPP2. Ghalkemm dawn il-progetti raw il-bidu u it-tmiem tax-xoghol infrasstruturali snin ilu, dawn qed jithallsu issa frott l-ghaqal li kellu dan il-Kunsill Lokali.

**ATTIVITAJIET**

Minbarra l-attivita ta' darba fix-xahar, organizzata mid-dekasteru Mosta Solidali immexxija minn Angele Rapa u Frans Deguara, liema rendikont ser jinghata mill-Kunsillier Frans Deguara iktar tard, il-Kunsill ha hsieb sabiex jorganizza l-attivitajiet tieghu. Din is-sena saru dawn attivitajiet. F'Awissu matul l-granet tal-festa, bl-ghajnuna tal-Malta Militry Vehicle Club u Battlefield organizzajna attivita fil-pjazza bl-isem ta' Il-Konvoj ta' Santa Marija fejn fakkarna l-75 sena anniversarju mit-tieni gwerra dinjija. Kienet attivita ckejkna izda li intlaqet tajjeb minn dawk li attendew. Fil-15 ta' Settembru imbghad, ghall-ewwel darba attivita kulinarja u kulturali bl-isem ta' Festa Qarghasel. Il-Vici Sindku jghati rendikont ta' din l-attivita iktar tard. L-ghada 16 ta' Settembru, Jum il-Mosta, saret ic-celebbrazzjoni annwali fil-wesgha ta' biswit ir-Rotunda fejn fiha gew onorati 15 il-persuna li ddistingwew ruhhom fix-xoghol li huma wettqu matul is-snin. F'Novembru, hekk kif isir kull sena, gew imfakkra l-Qalbiena Mostin b'quddiesa u korteo sal-mafkar filghodu kif ukoll, izda b'differenza fl-okkazzjoni tal-25 anniversarju minn meta gie inawgurat l-monument tal-qalbiena mostin, saret serata muziko letterarja fis-sala tal-komunita filghaxija. F'dicembru sar festin tal-Milied ghall-anzjani.

## PUBBLIKAZZJONIJIET

Hekk kif inhi l-uzanza, l-Kunsilli Lokali jzommu kuntatt mar-residenti tieghu permezz tal-fuljett jew gazzetta. Fil-Mosta minn dejjem kien jitqassam magazine jew fuljett. Fl-2017, dehrilna li hemm bzonn ta' xi haga differenti. L-eks Sindku Ivan Bartolo ta' bidu ghall-gazzetta Mosta Solidali. Fl-2017, kien hemm 3 hargiet ta' Mosta Solidali. Fil-fehma tieghi, din hija kuntatt necessarju li l-kunsill ghandu jzomm mar-residenti tieghu. Fl-okkazzjoni tal-Festa Qaraghsel, gie ippubblikat ktejjeb informattiv b'ricetti u storja sabiex tibqa mfakkra din l-attivita. Fil-jiem tal-Gimgha Mqaddsa gie ippubbilkat flyer bil-lista tal-wirjiet tal-Gimgha Mqaddsa fil-Mosta filwaqt li fiz-zmien tal-Milied, hekk kif kien isir sal-2008, tqassmu certifikati ta' apprezzament lil dawk kollha li ppreparaw Wirja tal-Milied.

## ZJARAT

Fl-ewwel jiem tieghi bhala Sindku, kelli l-pjacir nilqa lil Konslu Ġenerali ta' San Francisco is-Sur Louis J Vella fl-ufficcju tieghi. Flimkien mal-Kunsillier Frans Deguara tkellimna kif nistghu inzommu kuntatt tal-belt tewmija ta' Millbrae kif ukoll qsamna xi nostalgiji tassew sbieh. F'Ottubru, bhala parti mill-kampanja Pink October, ilqajt lis-Sinjura Michelle Muscat, mart il-Prim Ministru u chair ta' Marigold Foundation fl-okkazzjoni tal-mixghela tar-roundabout tal-iljun b'lewn roza.

## KORSIJIET

Bi pjacir inhabbar li fl-2017 saru 11 -il kors fil-Bini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Tista tghid li il-bini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta dejjem fully booked! Saru 4 korsijiet taht l-kappa ta' Mosta Solidali, 3 korsijiet bl-ghajnuna ta' LifeLong Learning, 2 korsijiet b'fondi ewropej bi shab mar-Russian Maltese Cultural Association kif ukoll kors bl-ghajnuna mal-Health Promotion u l-korsijiet annwali tal-kompjuter ghat-tfal u ghall-anzjani mat-TCTC.

## PROGETTI TAL-PAMA

Wara li lejn l-ahhar tal-2016 gie iffirmat l-ftehim mal-PAMA dwar progetti li PAMA ghandha tlesti sa Mejju 2019, wiehed jistaqsi, imma x'sar. Ix-xoghol fuq il-bankini miexi, s'issa tlestew (dawk li gew imkejla) mas-600 metru kwadru ta' bankini minn 4000 metru kwadru ta' bankini u intefqu kwazi €36,000 minn €200,000. Fix-xhur li gejjien naraw aktar bankini godda u accessibbli ghall-kulhadd. Il-Periti mqabbda mill-PAMA pprezentaw ukoll pjanti ghall-gnien taz-Zokrija u Gnien Kevin Vella. L-istimi ta' dawn l-pjanti huma ta' €47,000 u €470,000 rispettivament. Dawn ma kellhom jaqbzu il-valur ta' €230,000 f'daqqa. B'hekk issa ser nkunu qed niltaqghu mal-gdid mal-periti sabiex dawn jigu revised. Fl-istess waqt, ghalkemm kien hemm diskussjoni mal-periti fuq il-funtana tal-iljun, il-Kunsill ghadu ma ircieva l-ebda pjanta jew proposta. Ser jkun ukoll qed jigi ippubblikat ktieb gdid f'forma ta' djajru Mosti fil-gimghat li gejjien.

**PROBLEMI – ZONA INDUSTRIJALI**

Fil-Mosta nsibu zewg zoni industrijali, dik tat-Techopark u dik f'Targa Gap. Ikollna diversi ilmenti marbuta maz-zona industrijali f'Targa Gap. Ghalkemm jidher car li r-responsabilita taz-zamma ta' din iz-zona hija tal-gvern permezz tal-Malta Industrial Parks, skart iggenerat mill-industrija jispicca fit-toroq residenzjali tal-madwar peress li s-servizz ta' gbir ta' skart minn din iz-zona jidher li mhux jsir regolari. Jaslu hafna ilmenti dwar dan, izda nemmen li ga la darba, din mhux fir-responsabilta tal-Kunsill Lokali, it-tindif f'din iz-zona m'ghandux jsir mill-Kunsill Lokali.

**OHRAJN**

Wara bosta xhur, jew sahansitra snin, rega beda jsir manutenzjoni fuq id-dawl ta' barra tar-Rotunda u dan hekk kif marbutin nghamlu permezz tal-kuntratt Europa Nostra iffirmat fl-1996.

Ghalkemm ghadek tara min jarmi f'kull kantuniera li jsib, fl-2017 il-Kunsill ta servizz ta' bulky refuse lil residenti tieghu kwazi 7,300 darba, b'medja ta' aktar minn 561 sejha fix-xahar!

**GHELUQ**

Dan kollu sar sabiex jkun ta' beneficcju ghall-Mostin kollha u ghall-dawk li jigu jzuruna. Nghalaq billi nirringrazzja lill-Vici Sindku u lil Kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff tal-Kunsill tal-isforz li jghamlu u l-hidma li jwettqu sabiex nkunu nistghu nghatu servizz xieraq kif mistenni lil Mosta u l-Mostin. Nawgura li l-2018 tkun sena iktar impenjattiva li fiha naraw iktar progetti ta' fejda sabiex jkunu jistghu jitgawdew mill-generazzjonijiet li gejjin.

Keith Cassar

**Keith CASSAR**

**Sindku**

24.i.2018